MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR
## RAPHAEL FENECH ADAMI

Seduta tal-15 ta' Mejju, 2009

Talba Numru. 372/2008

**Mobisle Communications Limited**

**vs**

**Pisani Concetta**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi fejn intalab sabiex il-konvenuta tigi kkundannata thallas lis-socjeta attrici s-somma ta’ Euro837.32c rapprezentanti ammont li ghad huwa dovut in konnessjoni ma’ client contract number 1008472, fir-rgward ta’ servizzi rezi fix-xhur ta’ bejn April u Ottubru 2007.

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta’ l-Ittra Ufficjali datata 29 ta’ Frar 2008 u ta’ Mandat ta’ Sekwestru pprezentat kontestwalment ma’dan l-Avviz u bl-imghaxxijiet sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenut ingunt in subizzjoni.

Ra li l-konvenuta ghalkemm legalment notifikata baqghet ma pprezentat ebda risposta in kontestazzjoni ghat-talba attrici.

Sema’ lill-PL Peter Paul Sammut jixhed li bil-gurament tieghu jikkonferma li l-ammont mitlub f’din il-kawza kien ghadu dovut sal-gurnata tal-lum.

Peress illi baqa’ ma sar ebda pagament da parti tal-konvenuta.

Ra li ghalkemm il-konvenuta regghet giet imsejha diversi drabi ghas-seduta tal-lum biex tressaq il-provi taghha hija baqghet ma dehritx u wisq anqas ressqet xi provi in kontestazzjoni ghat-talba attrici.

Ghaldaqstant it-Tribunal qieghed jaqta’ u jiddeciedi dan il-kaz billi jilqa’ t-talba attrici u konsegwentement jikkundanna lill-konvenuta thallasha s-somma ta’ Euro837.32c kif mitluba fl-istess Avviz, bl-imghaxxijiet legali dekorribbli mid-data tal-prezentata ta’ dan l-istess Avviz u bl-ispejjez kollha ta’ din l-istanza a karigu ta’ l-istess konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------